**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużé' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 08/10(31_08_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Settembru 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

Din il-laqgħa kienet imsejjħa li ssir fil-31 t' Awwissu 2010, fis-7 ta' filgħaxija u ma saritx minħabba li ma kienx hemm *quorum*.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-26 t' Awwissu 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-Ftuħ Uffiċjali tal-*Playing Field* il-ġdida tal-Munxar.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 105/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ċekkijiet tal-*Energy Allowance*'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 106/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 107/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'A.L. 374 tal-2010 – Regolamenti tal-2010 dwar *Allowance* lis-Sindki u lill-Kunsillieri Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 108/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 109/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Użu tal-*Mobile Phones*'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 110/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 111/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward '*Evening Classes*'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 112/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Ratifikazzjoni ta' aktar artikli tal-*European Charter of Local Self Government*'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 113/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Xogħlijiet f' 448 Triq f' 47 Lokalita``.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 114/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Linji Gwida dwar Żbir ta' Siġar'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 115/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru W93 rigward dawk il-lokalitajiet li fil-lokal tagħhom ma jistgħux jidħlu "*heavy vehicles to render a service"* jekk mhux bil-permess speċifiku tal-Kunsill in kwestjoni'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 116/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Protokol Lokali u Reġjonali'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 117/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward '*Reference Framework for Sustainable Cities*'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 118/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-Kumpanija Vodafone'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 119/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward '*Green Challenge and Community Involvement Awards'*.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02806/10 – *To sanction additions and alterations to PA1452/88 consisting of changes to balcony and apertures in facade, internal alterations, changes to stairs in backyard and proposed shifting of wall on facade at third floor level and change of washrooms into flat at level 4* fi Triq il-Puniċi u Triq il-Biżantini, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* fejn ingħatat Direttiva lill-i*staff* kollu tal-Kunsilli Lokali maħruġa mingħand l-Union Ħaddiema Magħqudin rigward Memoranda 102, 102A u 103/2010 maħruġin mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsill ġie informat li s-Segretarju Parlamentari jixtieq jiltaqa' mal-Kumitat Amministrattiv – Xlendi.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MaltaPost p.l.c. rigward 'Temporary Mail Custody'.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The General Soft Drinks Co. Ltd. rigward *Fund Raising Weekend* bejn l-20 t' Awwissu u t-22 t' Awwissu 2010 bil-kollaborazzjoni mal-Malta Community Chest Fund.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Xogħol fuq toroq residenzjali permezz ta' l-allokazzjoni finanzjarja'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), rigward 'Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf'.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (Rural Development Department) rigward il-'Call for Proposal: Anders WALL Award 2010/2011'.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Taħriġ lill-Impjegati tal-Libreriji li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli minnhom'.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Memo 45/2010 – *Public Private Partnership* fuq Toroq'.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra fejn saret stedina għal laqgħa, mingħand il-Cultural Contact Point għal Malta li r-responsabilitajiet prinċipali tagħhom huma li jsaħħu l-għarfien dwar l-opportunitajiet u l-aċċess għal fondi mill-programm tal-Kultura tal-UE fost organizzazzjonijiet bħal Kunsilli Lokali u li joffru assistenza teknika lil dawk illi huma fil-proċess li jipparteċipaw fi programmi u inizjattivi simili.

2.27 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA 'Dismissal on Non Compliance' fir-rigward ta' Applikazzjoni Numru PA 06998/04 – *To sanction internal alterations, alteration in facade, sign and chimney* fi Triq Xatt ix-Xlendi, Xlendi.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA 01412/10 – *Proposed construction of one class 4 shop at ground floor, six apartments on three floors and two duplex penthouses* fi Pjazza l-Anfori, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kordinatur tal-Qormi Bread Festival 2010, Parroċċa San Bastjan rigward il-Qormi Bread Festival 2010 bit-tema 'Ħobża Maltija: Identita' u Lokal' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2010 fejn matul dawn il-jiem issir Lejla Maltija quddiem il-Knisja.

2.30 Il-Kunsill irċieva mingħand it-Traffic Management Unit, Transport Malta ittra ta' *no objections* għall-*minor amendments* proposti mill-Kunsill fir-rigward ta' l-*Embellishment of Munxar Streets and Squares*, Munxar.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta National Book Fair Organising Committee rigward il-'Malta National Book Fair 2010'.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 38/2008 – Skema dwar Proġetti *Energy Saving*'.

2.33 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permess – Mobile Kiosk', fil-lokalita' tal-Munxar.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-IOI-Ċentru Operazzjonali ta' Malta fl-Universita' ta' Malta rigward l-inizjattiva '*Spot the Jellyfish*'.

2.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ rigward 'Jiġu imnedija l-Malta-Wipo (World Intellectual Property Organisation) Awards għall-Kreattivita' u Innovazzjoni'.

2.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Organizzaturi tal-Qormi Bread Festival rigward it-trasport għall-Għawdxin kollha u x' ser igawdi l-pubbliku li jattendi għad-9 edizzjoni tal-Qormi Bread Festival li ser isir fl-10 u fil-11 ta' Settembru 2010, madwar il-Knisja ta' San Bastjan, Ħal Qormi.

2.37 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-GBA Ships e.V. rigward in-'New Educational/Cultural Charity Ship MV LOGOS HOPE calling to Malta September 2010'.

2.38 Il-Kunsill irċieva Memo 120/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Użu ta' *Laptops*'.

2.39 Il-Kunsill irċieva Memo 121/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011'.

2.40 Il-Kunsill irċieva Memo 122/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministries to Malta fejn qed jitolbu l-permess sabiex jorganizzaw *Festival* għat-tfal li jinkludi kant, *puppets*, stejjer mill-Bibbja, *crafts*, logħob u attivitajiet oħrajn. Huma qed jipproponu li jagħmlu attivita' fix-Xlendi u oħra fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-ETC rigward l-iSkema Xogħol fil-Komunita'. Peress li t-terminu ta' sitt xhur tal-parteċipant assenjat mal-Kunsill tagħna wasal biex jiskadi, ġejna mitluba biex sal-Ġimgħa, 6 t' Awwissu 2010 nagħtuhom bil-miktub konferma ta' jekk hux fi ħsiebna nżommu li dan il-parteċipant li għandna assenjat magħna bħalissa għal terminu ta' sitt xhur oħra, kif ukoll xi talbiet għall-parteċipanti ġodda li jista' għandna bżonn b' żieda ma' dak eżistenti. Il-Kunsill se jitlob li l-ħaddiem li hawn preżenti jibqa' u nitolbu għal żewġ *Labourers* oħra.

3.03 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident fi Triq il-Munxar, Munxar fejn qed jitlob sabiex ir-*road hump* li hemm fuq in-naħa t' isfel ta' Triq il-Munxar titneħħa peress li qiegħda tkun ta' inkonvenjent għalih u għall-familja tiegħu. Kien hemm qbil li din ir-*road hump* titneħħa.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Rappreżentant tal-*Bikers* rigward il-*Bikers BBQ* li ser jiġi organizzat fil-11 ta' Settembru 2010 fejn ser jinġabru fondi għall-Fondazzjoni Arka. Huma qed jitolbu donazzjoni ta' €100.00. Peress li r-Regolamenti Finanzjarji ma jippermettux li dan isir il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pulizija tad-Distrett t' Għawdex sabiex jikkonferma jekk kienx hemm xi rapporti ta' kontaminazzjoni fil-Bajja tax-Xlendi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma kienx hemm ilmenti.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-GM Productions rigward permess sabiex issir l-attivita' 'Għodwa Għawdxija', Maratona ta' kant u żfin li ser issir nhar is-Sibt, 11 ta' Settembru 2010, fil-Bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna ta' nazzjonalita' Ingliża u Belġjana fejn informat lill-Kunsill li hija interessata f' Malta u speċjalment fil-Kunsill Lokali tal-Munxar. Hija tixtieq futur mimli prosperita' lill-membri tal-Kunsill u lill-poplu kollu tal-Munxar.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu rapport mill-Kunsill rigward talba għar-*Reserved Parking* li saret minn persuna li toqgħod fil-bidu ta' Triq il-Professur Ġuże' Aquilina. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.09 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta ta' Triq San Pawl, Munxar. Din qed tilmenta dwar il-bankini tat-triq tagħha. Bħalissa hemm ħafna bankini żgħar u quddiem ċerti djar dawn huma għoljin ħafna u m'humiex uniti, b' ħafna livelli differenti. Minħabba din ir-raġuni wieħed ma jistax jimxi t-tul tat-triq u hemm periklu kbir għaliex tispiċċa timxi f' nofs tat-triq. Il-Kunsill huwa konxju ta' din il-problema iżda bħalissa m'hemmx fondi għal proġett bħal dan.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident ta' Triq ta' Luvier fejn qed jilmenta dwar iż-żabra li ssir lis-siġar ta' Triq Ras il-Bajjada minħabba li m'hijiex issir skont is-sengħa u għalhekk qed issir ħsara lis-siġar. Huwa appella sabiex il-Kunsill jintervieni u jieħu pariri tekniċi professjonali sabiex dawn is-siġar ikunu jistgħu jikbru biex jifilħu għar-riħ qawwi u ma jkunux ta' periklu għall-vetturi. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-ittra tiġi rreferuta lill-Uffiċjal Inkarigat mill-Agrikultura.

3.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Surmast Joseph Grech rigward il-proposta ta' Banda għall-ftuħ uffiċjali ta' Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina. Il-proposta tiegħu ma tistax tiġi milqugħa minħabba li l-ftuħ uffiċjali ta' dan il-ġnien ser isir fit-2 ta' Settembru 2010 u mhux fl-1 ta' Settembru 2010.

3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq il-Professur Ġużè' Aquilina rigward periklu mit-traffiku fil-bidu ta' Triq il-Professur Ġużè' Aquilina. Peress li t-traffiku li jkun sejjer lejn ix-Xlendi qed jgħaddi b' mod eċċessiv, hija qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel xi ħaġa mal-bankina jew xi ħaġa oħra għax ħa tiġri traġedja kbira f' dik il-kantuniera. Il-Kunsill kien ser jikkonsulta ma' Transport Malta rigward din il-problema.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 08/10(31_08_10).

**5.00 Il-Ftuħ Uffiċjali tal-*Playing Field* il-ġdida tal-Munxar.**

5.01 Il-*Playing Field* il-ġdida ingħatat l-isem ta' Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina u nfetħet uffiċjalment nhar il-Ħamis, it-2 ta' Settembru 2010. Għaċ-ċerimonja kien hemm attendenza numeruża.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Dawn l-aħħar jiem ix-xogħlijiet kienu qed jiċċentraw fuq l-aħħar irtokki fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina sabiex kollox ikun lest għal meta dan il-ġnien jinfetaħ uffiċjalment fit-2 ta' Settembru 2010.

6.02 Fix-Xlendi twaħħlu s-slielem ta' l-i*stainless steel* u dawn saru mill-Malta Tourism Authority. Fix-Xlendi saru wkoll bankijiet ta' l-irħam u *dustbins* tal-*concrete*. Dawn ser jitħallsu mill-Fond tal-UIF.

**7.00 Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

7.01 Iċ-*Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi, s-Sur Godwin Azzopardi ma kienx preżenti fil-laqgħa u għaldaqstant ma setax jagħti r-rapport tiegħu.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa li saret bejn is-Sindki li għandhom Kumitat Amministrattiv u s-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, l-Onor. Dr. Chris Said. F' din il-laqgħa ġie diskuss dwar il-Kumitati Amministrattivi li għadhom kemm bdew jiffunzjonaw mill-1 ta' Lulju 2010.

8.02 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu erba' darbiet mal-Kuntrattur MPJ Ltd. flimkien mal-Perit Saliba sabiex ikun jista' jinħadem il-kont tax-xogħlijiet infrastrutturali li sar fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina.

8.03 Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret fil-Ministeru għal Għawdex organizzata mill-PPCD rigward fondi mill-Unjoni Ewropea. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill irid jikteb uffiċjalment dwar il-Patt tas-Sindki lis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

8.04 Is-Sindku attenda għal-laqgħa ma' Kumpanija barranija fejn għamlet xi proposti dwar enerġija alternattiva. Attenda wkoll laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fit-triq tax-Xlendi. F' din il-laqgħa tħabbar li r-*raising main* tad-drenaġġ il-ġdid beda jaħdem.

8.05 Il-Ministeru għal Għawdex ser jipprovdi l-ħaddiema sabiex isir restawr ta' l-istatwa ta' Sant' Indrija. Il-Kunsill ser iħallas għall-*high up* u l-materjal.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sabiex iċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali ta' Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina tkun tista' ssir fil-ġurnata stabbilita, ġew ordnati xi oġġetti u servizzi li kien ippjanat li jgħaddu mil-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir fil-31 t' Awwissu 2010. Din il-laqgħa ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill japplika għall-iSkema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 skont Memo 95/2010 u din l-applikazzjoni trid tasal id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 17 ta' Settembru 2010. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir attivita' li tkun tikkonsisti f' kompetizzjoni tal-baned u ssir ġimgħa qabel il-Festa tal-Parroċċa jiġifieri għal nofs Mejju 2011. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 14 t' Ottubru 2010, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***